MINISTERU GHALL-EDUKAZZJONI U X-XOGHOL
DIPARTIMENT STRATEĠIJA U SAPPORT

18 ta' Ġunju 2019

Għeżież Ġenituri / Kustodji Legali,

**Uniformi għall-iSkejjel tal-iStat mis-sena skolastika 2019/2020**

Wara li l-Ministeru għamel konsultazzjoni pubblika fuq l-uniformi tal-iskola mal-istudenti, l-għalliema u l-ġenituri, l-għażla tal-maġġoranza fost kull grupp kienet favur li l-uniformi tkun tracksuit komda u ta' kwalita', inkluż poloshirt, t-shirt, shorts, cap u ġakketta għax-xitwa.

Il-Ministeru qed jagħżel li jonora l-għażla ċara li ħarġet mill-konsultazzjoni li saret ma' l-imsieħba kollha. Saret konsultazzjoni interna wkoll dwar kif l-aħjar li għandha tiddaħħal l-uniformi l-ġdida gradwalment sabiex ma jkunx hemm piż żejjed fuq il-familji.

Id-disinn tat-tracksuit il-ġdida għall-primarja u għas-sekondarja (inkluż tal-medja) ser ikollhom xi dettalji li jvarjaw fid-disinn tagħhom. Kull Kulleġġ tal-Istat ser ikollu dettalji u skemi ta' kulur partikolari sabiex jibqa' jkollhom identita' li tidentifika lill-Kulleġġ tagħhom.

- **Sena Skolastika 2019/2020**

**Il-Ministeru qiegħed jinforma lill-iskejjel u lill-ġenituri li għas-sena skolastika li jmiss 2019-2020 ser tinżamm l-uniformi preżenti, waqt li l-ġenituri ser ikunu jistgħu jibgħatu lill-uliedhom bit-tracksuit, inkluż poloshirt, t-shirt, shorts, cap u ġakketta għax-xitwa tal-uniformi attwali.**

- **Sena Skolastika 2020/2021**

**It-tracksuit il-ġdida, inkluż poloshirt, t-shirt, shorts, cap u ġakketta għax-xitwa ser tkun qed tidħol fil-Kindergarten 1, Year 1, Year 7 u Year 9 mis-sena skolastika 2020-2021.**

- **Sena Skolastika 2021/2022**

**Kull student jattendi l-iskola bit-tracksuit il-ġdida , inkluż poloshirt, t-shirt, shorts, cap u ġakketta għax-xitwa. Eċċeżżjoni tista tiġi kkunsidrata għall-studenti ta' year 11.**

**Bejgħ ta' l-uniformi mill-iskejjel tal-istat**

Il-bejgħ tal-uniformijiet ser isir mill-*Yorkie Clothing Industry Limited*, li hija l-kumpanija awtorizzata għall-uniformijiet kollha tal-Iskejjel tal-Istat.

| Data | Ħin | Skola |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 1 ta' Awwissu 2019 | 9.00am – 1.30pm | Sala Qormi San Ġorġ |
| Il-Ġimgħa 2 ta' Awwissu 2019 | 9.00am – 1.30pm | Skola Primarja Siġġiewi |
| It-Tnejn 5 ta' Awwissu 2019 | 9.00am – 1.30pm | Skola Primarja Ħal Luqa |

L-Uniformijiet qegħdin għall-bejgħ mill-ħanut tal-kumpanija awtorizzata kif spjegat hawn taħt.

**Malta** : Yorkie Mix n Match, St Julians's Road, San Gwann Shop
Tel Number: 21497278; Factory Tel Number: 21442460 email: info@yorkie.com.mt

**Gozo Outlet**
Gozo: Trovarsi – Triq is-Suq, Victoria Gozo Tel Number: 21555834

Il-prezzijiet imniżżlin hawn taħt huma l-prezzijiet kif se jinbiegħ kull oġġett tal-uniformi għall-Kulleġġ San Injazju. Il-prezz kwotat għall-kull oġġett huwa l-istess għall-qisien differenti kollha. Il-kwalita' u l-prezzijiet tal-uniformijiet jistgħu jkunu garantiti **BISS** jekk jinxtraw mill-aġent awtorizzat.

| **Numru** | **Deskrizzjoni** | **Kwantita'** | **Prezz ta' Kull Oġġett inkluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud/Dazju u Taxxi Oħra/ Ħlasijiet *(Delivered Duty Paid - DDP)*** |
|---|---|---|---|
| | | | **2019** |
| | | | **€** |
| 1 | *Polo Shirt* | 1 | 8.95 |
| 2 | Qalziet Qasir | 1 | 11.00 |
| 3 | Xorts tal-P.E. | 1 | 5.95 |
| 4 | Qmis tal-P.E. (T-Shirt) | 1 | 5.75 |
| 5 | Beritta | 1 | 3.50 |
| 6 | Qmis | 1 | 8.95 |
| 7 | Qalziet Twil | 1 | 14.80 |
| 8 | Dublett | 1 | 11.00 |
| 9 | Ġersi | 1 | 15.25 |
| 10 | Ingravata | 1 | 4.00 |
| 11 | Cravatte | 1 | 4.00 |
| 12 | Cross-Tie | 1 | 4.00 |
| 13 | Ġakketta tax-Xita | 1 | 22.85 |
| 14 | *Tracksuit* | 1 | 24.00 |
| 15 | Blazer | 1 | 40.00 |
| 16 | Jogging Suit (Tal-kindergarten) | 1 | 15.00 |

Filwaqt li nirringrazzjakhom tal-koperazzjoni tagħkom, jekk ikollkom bżonn xi kjarifika, ikkuntatjaw lill-amministrazzjoni tal-iskola jew ibagħtu email fuq els.mede@gov.mt jew ċemplu n-numru tat-telefon 153.

Inselli għalik,

Maria Galea
Direttur Ġenerali
Strateġija u Support